MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 73/1983/1

**Renato Ellul u b'digriet tad-29 ta' Mejju, 2000 stante l-mewt ta' Renato Ellul fil-mori tal-kawza l-atti gew trasfuzi f'isem uliedu Joseph Ellul proprio u bhala mandatarju tal-assenti Antoinette Pullicino nee` Ellul, u Adrian Ellul, Elizabeth sive Betta Ellul u Godfrey Ellul**

**vs**

**Emmanuel Delicata ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Emmanuel Delicata and Co. Limited u Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**

**Il-Qorti,**

**Preliminari.**

B'citazzjoni tat-18 ta' Jannar, 1983 l-attur ippremetta li fit-8 ta' Settembru, 1982 huwa kien sorga il-vapur M.V. Reborn, proprjeta` tieghu, u gestit minnu f' Coal Wharf, Marsa fil-lok li ipprovdielu d-Direttur tal-Portijiet u skond kif dispost mill-awtoritajiet kompetenti u dana sabiex jghabbi kwantita` ta' merce konsistenti fi *scrap iron* liema merce tpoggiet mill-attur fl-imsemmi moll, quddiem fejn kien sorgut l-imsemmi bastiment biex il-haddiema tal-port jghabbuha fuq l-imsemmi bastiment;
Illi biex issir dina t-taghbija l-attur kien ordna minghand il-Port Worker Scheme sabiex dawn jibghatulu haddiema fil-hin, liema ordni il-Manager tal-Port Worker Scheme kien esegwixxa, u peress li l-attur ghall-istess skop kien ordna minghand George Pace Co.Limited krejnijiet biex issir it-taghbija; illi meta l-port workers marru fuq il-post biex jaghmlu it-taghbija sabu li kien hiereg ilma mahmug mis-sistema tad-drainage fejn hemm il-kantuniera bejn Swansea Street (fl-liema hemm il-fabbrika tal-konvenut Emmanuel Delicata nomine) u l-imsemmi moll, liema ilma kien qieghed jmur fil-post fejn kien hemm il-merce tal-attur u cioe` quddiem fejn kien hemm sorgut l-imsemmi vapur; u ghar-ragunijiet ta' sahha u sigurta fix-xoghol l-imsemmija haddiema rrifjutaw li jahdmu f'post mahmug; illi minhabba dana, u biex jimminimizza d-danni, l-attur kellu u fil-fatt jittrasporta l-merce u jmexxi l-vapur ghal distanza zghira fl-istess moll fejn ma kienx hemm l-imsemmi ilma mahmug biex minn hemm il-merce titghabba ghal fuq il-vapur; illi l-attur minhabba il-premess sofra danni kbar minhabba dewmien, hlas extra lill-haddiema tal-port, kera extra tal-moll u tal-krejnijiet, hlas lill-haddiema tieghu biex isir ix-xoghol ta' ippustjar tal-merce, demurrage tal-vapur, u danni minhabba dewmien tal-vapur fil-port u danni ohra li jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-kawza tad-danni sofferti mill-attur grat unikament tort u bi htija tal-konvenuti u cioe` tad-ditta Emmanuel Delicata and Co.Limited talli rappresentanti taghha u impjegati taghha

tefghu jew ippermettew, ikkmandaw u taw pariri ghat-tfigh tat-tappijiet fis-sistema tad-drainage b'rizultat tal-imblukkar tal-istess u hrug ta' ilma mahmug fil-moll imsemmi u tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici talli dana ma ghamilx sorveljanza, maintenance tas-sistema tad-drainage kif suppost, kif ukoll talli ppermetta lill-konvenut l-iehor u hallih jaghmel uzu hazin mis-sistema tad-drainage u jsodd il-katusi ta' drainage meta kien jaf permezz ta' rappresen(sic) tieghu, b'dak li qieghed jigri u x'seta kien qed jigri, oltre li naqas ukoll li inehhi l-imblukkar fis-sistema tad-drainage biex ma jibqax hiereg l-ilma mahmug fit-triq ghal fuq il-moll kif fuq imsemmi; illi ghalhekk il-konvenuti huma responsabbli in solidum ghad-danni li l-attur sofra kif fuq imsemmi; illi l-attur fl-10 ta' Settembru, 1982 pogga lill-konvenuti in mora, dolo u colpa u zammhom responsabbli ghall-danni li kien gja sofra u li kien sejjer isofri; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara ghar-ragunijiet premessi illi l-konvenuti huma responsabbli in solidum ghad-danni li l-attur sofra bhala rizultat tal-hrug tal-ilma mahmug mis-sistema tad-drainage pubblika ghal fuq il-moll 'Coal Wharf' fejn l-attur kien pogga merce biex titghabba fuq il-bastiment Reborn u minn fejn l-attur kellu jittrasporta l-merce u vapur ghall-post iehor nadif fl-istess moll biex il-merce tkun tista' titghabba u fejn fil-fatt tghabbiet, b'konsegwenza ta' dewmien liema danni jikkonsistu fi hlas extra tal-haddiema tal-port, kera extra tal-cranes u tal-moll, hlas lill-haddiema tal-attur li ghamlu it-trasport tal-merce, demurrage, u danni minhabba dewmien tal-vapur fil-port u danni ohra li jigu ippruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur bi htija tal-konvenuti u ghal liema l-konvenuti huma responsabbli skond l-ewwel talba;
3. tikkundanna lill-konvenuti sabiex in solidum ihallsu lill-attur is-somma li tigi likwidata skond it-talbiet fuq imsemmija.

Bl-interessi legali u bl-ispejjes komprizi dawk tal-protest tal-10 ta' Settembru, 1982. Il-konvenuti huma ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

B'nota tad-9 ta' Frar, 1983 is-socjeta` Emmanuel Delicata & Co.Limited eccepiet:-

1. Illi hu jirrespingi l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tal-attur u jirrespingi bl-aktar mod kategoriku l-allegazzjonijiet gratwiti illi rappresentanti tad-ditta ikkmandaw u taw pariri ghat-tfigh ta' tappijiet fis-sistema tad-dranagg.
2. Illi l-konvenut l-iehor ma hax hsieb biex izomm id-dranagg fi stat tajjeb ta' funzjonament u dam zmien twil biex jiftah id-dranagg li ma giex ibblukkat tort tad-ditta eccipjenti.

B'nota tat-18 ta' Frar, 1983 il-konvenut Direttur tax-Xogholijiet eccepixxa:
1. Illi t-talbiet tal-attur, inkwantu jirrigwardaw l-esponenti huma nfondati u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjes kontra l-attur, billi l-esponent malli sar jaf li d-dranagg kien imblukkat b'materjal ha l-passi mehtiega immedjatament biex jitnaddaf id-dranagg u bl-ebda mod ma ikkontribwixxa ghad-danni li l-attur qed jallega li sofra.
2. Bla pregudizzju tal-premess, anke t-talba tal-attur ghas-solidarjeta` ta' responsabbilita` tal-konvenuti ghandha tigi michuda billi tali solidarjeta` tezisti biss fil-kaz previst fl-artikolu 1092(1) tal-Kodici (sic), mentri fil-kaz prezenti l-esponenti assolutament ma kellux x'jaqsam xejn ma dak li seta' ghamel il-konvenut l-iehor.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tat-28 ta' April, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ipprovdiet hekk:-
"*Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti jidhrilha illi r-rapport peritali originali huwa wiehed ta' min aktar jistrieh fuqu u din il-kawza hija ghalhekk deciza, ukoll fl-assenza ta' kritika serja dwar il-quantum tad-danni, billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront biss tas-socjeta` konvenuta Emmanuel Delicata & Co.Ltd. u;*
*1. tiddikjara illi din is-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni li l-attur sofra rizultat tal-hrug ta' l-ilma mahmug mis-sistema tad-drenagg pubbliku ghall-fuq il-moll "Coal Wharf" fejn l-attur kien pogga merce biex titghabba fuq il-bastiment Reborn u minn fejn l-attur kellu jittrasporta l-merce u vapur ghall-post iehor nadif fl-istess moll biex il-merce tkun tista' titghabba u fejn fil-fatt tghabbiet, b'konsegwenza ta' dewmien liema danni*

*jikkonsistu fi hlas extra ta' haddiema tal-port, kera extra ta' cranes u tal-moll, hlas lill-haddiema ta' l-attur li ghamlu t-trasport tal-merce, demurrage, u danni minhabba dewmien tal-vapur fil-port u danni ohra kif ippruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

2. *tillikwida d-danni fl-ammont ta' elf u hamsin lira Maltin u tlieta u disghin centezimi (LM1050.93) bhala danni diretti u fl-ammont ta' liri taljani tlett miljuni (Lit.lt.3,000,000) ghal "lay days" li bir-rata medja ta' 4846 Liri Taljani ghal kull lira maltija, rata mehuda fid-data fejn inghat (sic) din is-sentenza twassal ghal LM619.05 total ghalhekk ta' LM1669.98.*

3. *tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Emmanuel Delicata & Co. Ltd. Ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata u dana bl-imghax legali millum u bl-ispejjes kollha ta' din il-kawza.*

**L-appell quddiem din il-Qorti.**

Mis-sentenza fuq riportata ma sar ebda appell mis-socjeta` konvenuta Emmanuel Delicata & Co. Ltd billi wkoll, fir-risposta taghha ghall-appell interpost mill-atturi, talbet li s-sentenza appellata tigi konfermata bl-ispejjes ta' din l-istanza kontra l-atturi appellanti. L-istess jinghad fir-rigward tal-konvenut l-iehor Direttur tax-Xogholijiet Pubblici, li del resto ma giex misjub responsabbli fis-sentenza imsemmija, biss dan filwaqt li talab konferma tas-sentenza appellata dwar il-kap ta' responsabbilita`, kundanna u hlas ta' l-ispejjes, irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta'din il-Qorti fir-rigward l-kap ta' l-imghaxijiet.

Fl-10 ta' Mejju, 2000 l-atturi interponew appell mis-sentenza fuq riportata fejn talbu li dina l-Qorti "*fil-waqt illi jekk hemm bzonn tikkonferma s-sentenza dwar il-kap tar-responsabbilita`, kundanna u hlas tal-ispejjes, <u>tamendaha dwar il-kap tal-imghaxjiet fis-sens illi fil-waqt li tikkonferma il-hlas tal-imghaxijiet legali, tistabilixxi illi dan ghandu isir mit-18 ta' Jannar, 1983 u mhux mit-28 ta' April 2000.</u>*"

In sostenn tat-talba maghmula mill-atturi gie sottomess hekk:-

*"Id-dannu li gie soffrut fit-8 ta' Settembru 1982 gie kkwantifikat fit-28 ta' April 2000 fl-ammont ta' LM1669.*
*"L-ordni li jsir il-pagament fis-sena 2000 ta' LM1669 ifisser illi l-attur ser jircevi ammont b'purchasing power hafna inqas minn dak tal-1982. Kullhadd jaf illi l-valur reali tal-flus mill-1982 sal-lum naqas sostanzjalment. L-imghax huma intizi sabiex jaghmlu tajjeb ghal din it-telfa fil-purchasing power (anke jekk ir-rata ta' imghax tat-8% simple interest mhijiex sufficjenti sabiex taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas.)*
*"Pero` tal-inqas ikun hemm daqxejn ta' kompensazzjoni billi l-imghax jinghata mid-data li sar id-dannu.*
*"In-nuqqas ta' kundanna ta' hlas ta' imghax sa mid-data li gie kkagunat id-danni tinkoragixxi lid-debituri li jidhlu f'kawzi u li ma jkunux risponsabbli u jonoraw l-obbligi taghhom sia kontrattwali sia ex tort. Minghajr ta' l-inqas il-kundanna ta' hlas ta' imghax retrograd, kummercjalment id-debitur dejjem johrog rebbieh; il-gwadan ta' l-imghax fuq is-sorte isir tad-debitur.*
*"Bhala biss argument l-esponent jissugerixxi li in realta ghandu jkun hemm ukoll compound interest, kontra l-istipulazzjoni specifika tal-ligi stante illi hemm il-kawza ghaddejja u ergo l-att ufficjali li jippermetti tali komputazzjoni ta' compoud interest.*
*"Is-sitwazzjoni presenti hi rizultat tad-dewmien tal-kawza ghall-ragunijiet gustifikati; pero` minghajr l-ghoti ta' imghax retrograd id-dewmien (gustifikat jew le) altrimenti ggib dannu enormi lill-atturi u vantagg ta' arrikiment ingust lill-konvenut."*

**Is-sentenza ta' din il-Qorti.**

Dan l-appell ma jikkoncernax la r-responsabbilita` ghall-akkadut u lanqas l-likwidazzjoni tad-danni jew sahansitra l-ispejjes tal-kawza. L-aggravju ta' l-appellanti huwa indirizzat limitatament lejn l-imghaxijiet li gew akkordati fis-sentenza appellata, liema imghaxijiet, skond is-sentenza, ghandhom jiddekorru fuq is-somma kapitali li giet akkordata bhala danni mid-data tal-istess sentenza. L-ilment tal-atturi appellanti huwa fis-sens li minhabba t-tul ta' zmien biex tigi determinata l-kwistjoni, b'ezitu favorevoli ghall-atturi, dak li gie akkordat bhala kumpens

ma jista` qatt jissodisfa t-telf effettiv li huma, jew l-awtur taghhom, sofrew tmientax-il sena qabel u dana in vista tal-izvalutar tal-lira. Ghalhekk qed jigi sottomess li, minkejja l-fatt li l-proceduri kienu jikkoncernaw "somma da liquidarsi" imghax komputat mid-data tal-akkadut jista' xi ftit itaffi t-telf soffert minhabba dan id-dewmin. Jekk din is-sottomissjoni tigi milqugha l-atturi qeghdin jitolbu wkoll li l-qorti tordna li jiddekorri imghax fuq imghax.

**Ikkunsidat:**

Il-posizzjoni legali hija regolata bis-sub-titolu IV tat-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili u cioe dak li jitkellem "**Fuq l-effetti tal-Obbligazzjonijiet."** Relevanti ghad-dibatitu presenti huma l-artikoli 1139, 1141 u 1142 tal-Kap 16.

L-artikolu 1139 jghid hekk: "*Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-garanzija u s-socjeta`, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.*"

L-artikolu 1141 jghid hekk: "(1) *Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu* ***ipso jure,*** *l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita."* Fis-subinciz (2) tal-istess artikolu jinghad izda li "*F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.*"

L-artikolu 1142 huwa relevanti ghat-talba sussidjarja maghmula mill-appellanti li tikkoncerna l-kwistjoni ta' "*imghax fuq l-imghax*". Infatti dan l-artikolu jipprovdi li "*L-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu mghaxijiet ohra, sew bis-sahha tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, minn dak inhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta li, fil-kaz li wiehed u l-*

*iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux anqas minn sena.*"

**Ikkunsidrat.**

**Dwar minn meta jibdew jiddekorru l-imghaxijiet.**
Skond l-artikolu 1139 fuq riprodott, l-imghaxijiet li ghandhom jithallsu minhabba d-dewmin fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni huma kunsidrati bhala "**danni**" li, skond l-artikolu 1140 huma dejjem dovuti minghajr "*ma jkun jinhtieg li l-kreditur jipprova li bata xi telf.*" Dan stabbilit il-ligi tkompli billi, ghal dak li jirrigwarda meta dawn id-danni jibdew jiddekorru kontra l-obbligat, taghmel distinzjoni bejn obbligazzjonijiet ta' natura kummercjali, fejn l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija jibdew jiddekorru immedjatament minn meta l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita, u dan indipendentement minn kwalunkwe interpellazzjoni ufficjali jew att gudizzjarju; u dawk l-obbligazzjonijiet l-ohra kollha – mhux ta' natura kummercjali – meta l-imghaxijiet jibdew jiddekorru minn dak in-nhar "*illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju.*"

Ma hemmx dubbju li l-obbligazzjoni mertu tal-kawza odjerna m'hijiex ta' natura kummercjali. Isegwi li l-imghaxijiet jistghu biss jibdew jghaddu mid-data ta' meta gie presentat l-"*att gudizzjarju*" u mhux qabel. Sa hawn forsi l-aggravju tal-appellant jista` jkun gustifikat nkwantu l-ewwel qorti ma kkunsidratx dan l-aspett tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 billi akkordat imghax biss mid-data tas-sentenza u mhux minn Jannar 1983 meta effettivament giet presentata c-citazzjoni odjerna.

Izda l-aggravju tal-atturi appellanti ma jistax jigi akkolt minn din il-Qorti nkwantu d-danni dovuti in forma ta' imghaxijiet huma hekk dovuti minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni li "*jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata*" (art. 1139) u huwa principju assodat fil-gurisprudenza nostrana li "**in liquidandis non fit mora**" u cioe` li meta kreditu ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u minhabba f'hekk ma jkunx jista` jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament

Issa fil-kaz in ezami l-proceduri ma kienux jikkoncernaw somma determinata izda pjuttost somma li kellha tigi likwidata bis-sentenza. Inoltre s-somma li eventwalment giet likwidata certament ma kienetx somma li setghet tigi stabbilita` facilment, billi f'dan il-kaz kien japplika l-principju enuncjat fis-sentenza ta' din l-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2003 fil-kawza ***Mario Sacco vs Peter F. Muscat Scerri et noe*** u l-imghaxijiet kienu jkunu dovuti mid-data tal-presentata tal-att gudizzjarju.

Barra minn hekk jirrizulta li d-dewmien fid-determinazzjoni tal-proceduri in prima istanza ma kienx tort tal-obbligat izda pjuttost minhabba l-komplessita` tal-materja li kienet qed tigi diskussa quddiem l-ewwel Qorti. Dan del resto jammettuh l-istess appellanti fir-rikors ta' l-appell taghhom meta jghidu li "*is-sitwazzjoni presenti hi risultat tad-dewmien tal-kawza ghall-ragunijiet gustifikati;".*

Minn dan jidher li din il-Qorti ma tistax tiddipartixxi mill-principju generalment accettat kif fuq riprodott u l-lamentela tal-appellanti, ghalkemm forsi moralment gustifikata, ma ghandhiex fondament legali u ghalhekk ma tistax tigi akkolta bil-konsegwenza li s-socjeta` appellata tigi addebitata imghaxijiet in linea ta' danni meta din la setghet toffri l-hlas minhabba l-incertezza tal-ammontar tad-danni u fl-istess hin ma ikkontribwitx ghad-dewmien fil-likwidazzjoni tal-istess danni, u per konsewgenza ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghat-telf subit mill-atturi kif sottomess fir-rikors ta' l-appell.

Dan premess it-tieni aggravju wkoll ma jistax jigi akkolt u effettivament lanqas biss ma jista` jigi kunsidrat inkwantu dan huwa intimament marbut ma u konsegwenza naturali ghall-akkoljiment ta' l-ewwel aggravju.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tichad l-appell ta' l-atturi bl-ispejjes kontra taghhom.

--------------------------------TMIEM-------------------------------